MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 674/2003/1

**Childcare Services Limited**

**vs**

**Spot On Gypsum Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta' Frar 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' April 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm743.75 (sebgha mija tlieta u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) rappresentanti rimbors ta' prezz ta' bieb tal-hgieg.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-socjeta` konvenuta ghandhom ihallsu s-somma ta' Lm743.75, liema somma tirrapresenta rimbors ta' prezz li gie imhallas mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta ghal bieb tal-hgieg, liema bieb ma sarx skond l-arti u s-sengha, bil-konsegwenza li f'zewg okkazzjonijiet konsekuttivi l-istess bieb tal-hgieg inkiser wahdu minghajr ebda intervent ta' terzi, u s-socjeta` attrici ghadha sallum minghajr bieb ghalkemm hallset lis-socjeta` konvenuta s-somma hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja tal-bieb kontra s-socjeta` konvenuta li tibqa` minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana wkoll stante li x-xogholijiet in kwistjoni saru skond l-arti u s-sengha u fi kwalunkwe kaz s-socjeta` konvenuta mhux responsabbli ghall-ksur jew hsarat tal-bieb in kwistjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi tirrizulta kwistjoni fuq zewg bibien tal-hgieg li gew ordnati lil u suppliti lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta. Iz-zewg bibien konsistenti b' frame ta' l-aluminium u hgieg inkluz. Meta s-socjeta' attrici bidlet il-formitur/stallatur ma kelliex problemi aktar.

Is-socjeta' attrici qed titlob lura l-ammont in rifuzjoni tal-flus minnha mhallsa lis-socjeta' konvenuta.

Fil-waqt li x-xhieda prodotti mis-socjeta' attrici jesponu t-tezi attrici dawk tas-socjeta' konvenuta jesponu l-invers. Il-formitur il-gdid tal-bibien il-godda xehed li meta wahhlu l-

bieb taghhom ma uzaw xejn mill-ewwel zewg bibien ghax ma kien xejn tajjeb u hekk jibdel kollox tajjeb . L-alignment ma kienx kif suppost u b' hekk hu jkun ikkrepat u jfaqqa. Anki l-"floor closer" kellu jinbidel.

Da parti tieghu, Domenic Abela f'isem - socjeta' konvenuta xehed li x-xoghol min ghamlu sar kif suppost. Konferma ta' dan ipproduca lil Mario Tonna formitur tal-hgieg.

Illi jibqa pero' il-hgieg tal-bibien stallati mis-socjeta' konvenuta nkissru. Ma sarx access u mill-ebda parti, kif ukoll mill-formitur tat-tielet bieb (prodott mis-socjeta' attrici) li t-tempered glass ma kienx tal-kwalita rikjesta.

Li jibqa pero' allura jirrigwardja il-frame tal-aluminium u l-istallar maghmul ese admissis mis-socjeta' konvenuta.

Kif xehed Robert Forace (Fol19) l-ewwel darba l-bieb inkiser quddiemu, u t-tieni mar biex jiftah u sab munzell hgieg. Tant ma kienx stallat kif suppost li apparti dan il-formitur tat-tielet bieb kellu jibdel kollox! Inoltre la kien alliment u lanqas centrat. Ghalhekk infaqghu fi zmien relattivament qasir wara certu uzu. It-tielet wiehed ghadhu urgenti.

Illi l-oneru tal-attur huwa li jipprova l-kaz tieghu fuq bilanc ta' probabilta, mhux ta possibilita. Dana l-oneru gie esegwit tant li ma ngabet l-ebda prova kontrarja li l-kagun tal-giustur seta kien haga estrem.

Illi l-ammont preciz ma giex kontestat u qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanha thallas is-somma ta' Lm743.75 bl-interessi u spejjes kif mitluba mis-socjeta' konvenuta."

Fl-appell taghha kontra din is-sentenza s-socjeta` konvenuta tikkontesta b' mod generali l-evalwazzjoni tal-

provi u l-gudizzju tat-Tribunal dwarhom.  B’ mod specifiku tissottometti s-segwenti:-

(1) Fl-ewwel okkazjoni ta’ meta nkiser il-hgieg tal-bieb s-socjeta` attrici ma ssollevat ebda lment li x-xoghol kien sar hazin, tant hu hekk li hi regghet inghatat inkariku iehor.  Fit-tieni okkazjoni kienet illamentat li l-hgieg ma kienx “*tempered*”, okkorrenza din li giet dizapprovata;

(2) Il-konstatazzjoni jekk ix-xoghol sarx skond l-arti u s-sengha kienet wahda ta’ indoli teknika u fil-fattispeci ebda rapport jew certifikat bhal dan ma gie prodott;

(3) Ix-xhieda ta’ Robert Forace kellha tigi diskreditata mentri dik tax-xhud tar-rapprezentant tas-socjeta` Aluminium Limited kellha titwarrab in vista ta’ l-interess li kellha din is-socjeta` in materja.  Dippju ma setax jigi verifikat jekk ix-xoghol kienx tajjeb, o meno, ghax is-socjeta` attrici ma halliet ebda tracci ta’ dan;

(4) Jekk huwa probabbli li d-dannu sehh minhabba allegat xoghol hazin daqstant iehor hu plawsibbli wkoll illi l-ewwel bieb inkiser mill-haddiema responsabbli mill-installazzjoni tal-lift u, fil-kaz tat-tieni bieb, minn terzi;

(5) Il-fatt tal-bieb sostitwit minn terza kumpanija ma nkiserx ma jistax jitqies bhala prova kontra taghha in kwantu (a) dan mhux verifikabbli, (b) ma kienux ghadhom qed isiru xoghlijiet ohra meta twahhal u (c) giet montata *gate* quddiem il-bieb biex tipprotegieh;

(6) Jekk allura z-zewg versjonijiet kienu plawsibbli u veritiera ma jistax jinghad li tezisti dik ic-cirkustanza determinanti li tissoda l-konvinciment favur tezi jew ohra. Jitnissel minn dan, fil-fehma tas-socjeta` appellanti, illi ma jibqax lecitu l-adoperu tal-preponderanza tal-probabilitajiet u allura kellu jvigi l-principju “*actor non probante, reus absolvitur*”;

Stabbilit il-premess, ghandu jigi osservat in linea ta' principju illi fil-kaz tat-Tribunal specjali adit, kontraddistint mill-kaz tal-qrati ordinarji, dan hu regolat bi proceduri partikolari, ahjar preskritti fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 380. Ewlenin fosthom hemm dawk li l-gudikatur "ghandu jitgharraf b' kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova" (paragrafu (b)) u "ghandu jiddezisti kemm jista' jkun milli jqabbad periti sabiex jaghtu l-parir espert taghhom" (paragrafu (c)). Wiehed, imbaghad, ma jridx jinsa jew jitlef di vista l-fattur singolari fil-krejazzjoni ta' dik it-Tribunal. Dak, cjoe, li hu ghandu jaqta' kull talba jew kontro-talba li jkollu quddiemu principaliment skond l-ekwita` (Artikolu 7 (1) ta' l-Att). Naturalment hu dejjem tajjeb li jinzammu in mira u fil-limiti gusti illi l-applikazzjoni tad-dritt ekwitattiv ma jfisserx illi l-gudikatur ghandu joffri soluzzjonijiet inkoerenti lill-vertenza imressqa quddiemu. Anzi, skond certu hsieb, fl-applikazzjoni tal-kriterji ta' l-ekwita` jsib espressjoni l-makkinarju ta' dak l-intendiment logiku li jfittex soluzzjoni konformi ghall-ispirtu u l-iskop objettiv tar-regolament ta' l-interessi li l-partijiet nfushom jkollhom fil-kaz konkret;

Precizata din l-osservazzjoni, huwa principju ben saldat illi min jippresta opra hu obbligat jezegwiha skond l-arti u s-sengha. Dan ghaliex hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu u din il-garanzija hi mplicita`" (**Kollez. Vol. XL P I p 485**). Jinsab difatti affermat illi "*l' imprenditore ha l' obbligo di eseguire bene l' opera commessagli secondo i dettami dell' arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria*" (**Kollez. Vol. XXVII P I p 374**);

Naturalment, il-piz tal-prova li certa opra ma saretx skond l-arti u s-sengha taggrava fuq il-kommittent li jallegaha. Prova din li, anke fl-assenza ta' opinjoni teknika, kellha tkun tali li twassal ghall-formazzjoni u konvinciment tal-gudikant. Dan almenu sal-punt li jaccetta dik il-prova bhala possibbli jew versomili meta din tinduci fih dik ic-certezza morali bhala li bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet (**Kollez. Vol. XXXVI P I p 319**), mehud

rigward, s' intendi, tar-rizultanzi istruttorji kollha attendibbli;

Issa huwa minnu dak sostenut mis-socjeta` appellanti illi fejn l-assjem tal-provi hu tali li l-versjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritiera mhux lecitu ghall-gudikat li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza u probabilitajiet. F' dan il-kuntest tezisti gurisprudenza konkordanti. Ara b' ezemplari "**Joseph Vincent Rausi *nomine* -vs- John Muscat**", Qorti Civili, Prim' Awla, 5 ta' Ottubru 1992 u "**George Mifsud *nomine* -vs- Philip Micallef**", Appell Inferjuri, 1 ta' Lulju 1997. B' danakollu, fil-kaz in ispecje, din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tadotta din ir-regola minflok dik suaffermata bazata fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi;

Certament, ma huwiex accettabbli l-argoment dwar l-assenza tal-verifika teknika anke *ex parte*. Dan mhux biss ghaliex fil-kazijiet sorti quddiem it-Tribunal din ma kienetx tassattiva jew necessarja izda, dippju, lanqas ma kienet, ukoll fil-proceduri ordinarji, tivvinkola lill-kontroparti jew, addirittura, titqies bhala li tikkostitwixxi ghall-gudikant sors objettiv ta' accertament ta' responsabilita` f' min ezegwixxa x-xoghol;

Lanqas ma jista' jkollha mportanza s-sottomissjoni illi ghax is-socjeta` appellanti regghet tqabbdet taghmel ix-xoghol wara l-ewwel okkazjoni li fih inkiser il-bieb, jew ghax tabilhaqq gie accettat li l-hgieg kien "*tempered*", allura b' daqshekk jigi li s-socjeta` attrici kienet kuntenta li l-lavorazzjoni fuq il-bieb kien sar sewwa u skond l-arti u s-sengha. Ma tezisti ebda presunzjoni bhal din in materja. Wiehed dejjem ma ghandux jinsa li jqis lis-socjeta` kommittenti ghal kollox profana mir-regoli ta' l-arti u qajla tkun konxja mill-ewwel dwar id-difformita` fl-opra li jirrendiha inadatta ghad-destinazzjoni taghha u ghall-iskop mahsub;

Fuq kollox, lanqas ma tista' din il-Qorti tibbaza ruhha fuq supposizzjonijiet jew kongetturi dwar kif il-bieb sofra hsarat bl-operat ta' terzi. Il-provi mhux biss ma jissufragawx dan talli addirittura jistghu jitqiesu ndikaturi tal-fatt konstatat illi l-bieb ma kienx '*aligned*' kif suppost u, in kwantu tali, kien jikkonkretizza l-kaz fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali minhabba inadempjenza skond l-arti u s-sengha tax-xoghol ezegwit;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet, jibqa' l-fatt illi skond l-ghodda procedurali lilu assenjati mil-ligi, it-Tribunal, anke jekk mhux b' mod approfondit, deher li kien f' posizzjoni li jaghmel gudizzju biex japprezza x' kienu l-elementi fattwali illi wassluh ghall-konvinciment biex jiddeciedi kif iddecieda. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti tiddisturba s-sentenza appellata, anke ghaliex ma ssibx li din kienet ivvizzjata fl-ambitu tad-dritt ekwitattiv.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrigetta l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------